MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 16/1997/1

***Carmela sive Carrie armla minn Anthony Cristina, u Marlene mart Victor Bugeja, Sylvana, xebba, Victor, Luciano, Joseph u Helen mart Francis Cassar, ahwa Cristina, wlied il-mejjet Anthony***

***versus***

***Mario Mizzi***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond ossija store li jinsab fl-Isla, Triq il-Marina, numru 61, illujm Triq Dingli Carmelo li huwa mikri lill-intimat bil-kera ta’ Lm120 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem;

Illi l-imsemmi fond kien mikri lill-intimat specifikatament sabiex jintuza minnu bhala accessorju u in konnessjoni

mal-uzu da parti tieghu ta’ kiosk faccata tal-fond imsemmi u li jgib l-isem Alice Springs”, li kien minnu gestit;

Illi ricentement l-esponenti saru jafu li l-intimat m’ghadux jiggestixxi l-ismemmi kiosk u, minbarra dan, l-intimat ceda l-imsemmi fond lill-gestent attwali tal-kiosk, minghajr il-kunsens tal-esponenti;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu minghand l-intimat il-fond ossija store f’numru 61, Triq il-Marina, l-Isla, fi tmiem l-iskadenza attwali tal-kera.

Ra li l-intimat ikkontesta t-talba.

Ra s-sentenza tieghu (diversament presedut) tas-7 ta’ Mejju 1997 li giet revokata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Mejju 1998.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-verbal tal-

Ikkunsidra,

1. Il-fond kien inkera minn Anthony Cristina llum mejjet lil certu Carol Micallef. F’xi zmien wara intlahaq ftehim bejn is-sid u Micallef li l-fond jinkera lill-intimat “to be used by the above mentioned as a store in connection with Kiosk Alice Springs in Marina Street, Senglea only”. Il-fond kien jinsab fi Triq il-Marina li llum saret Triq Dingli Cornechio”

Il-Kiosk Alice Springs huwa proprjeta’ tal-Gvern u kien inkera ghal ghaxar snin li bdew fis-7 ta’ April, 1993 lil certu Emanuel Stafrace (fol 73). Qabel il-fond kien f’idejn l-intimat minn Ottubru 1984 sal-1989. Ghadda f’idejn Victor Fiorentino u sar xi arrangament mal-Gvern biex hadu Stafrace qabel ma ghalaq il-ftehim (fol 82 – 83).

2. Skond l-intimat madwar ghaxar/tnax-il sena ilu hu telaq il-Kiosk li jinsab f’idejn Stafrace li hu r-registered subscriber mal-Korporazzjoni tas-Servizz ta’ l-Ilma.

Stafrace inghata mill-intimat il-fond ‘de quo’ minghajr il-permess tas-sid (fol 56 –57.

3. Jirrizulta li l-fond 61, Triq il-Marina, illum Triq Dingli Cornechio inkriet lill-intimat biex juzaha in konnessjoni tal-Kiosk li hu tal-Gvern. Hemm id-dokument a fol 8 tal-process u x-xhieda ta’ l-intimat a fol 40: “Biex jintuza bhala store mal-gabbana dejjem hekk kienet”. L-intimat illum m’ghandu x’jaqsam xejn mal-Kiosk. Il-fond ‘de quo’ l-intimat jghid li hu ghandu cavetta tieghu kif ghandu Stafrace.

“Jiena nuzah anke bl-affarijiet tal-haxix fih, indahhal il-kaxxi……mhux ghall-uzu tal-kiosk. Il-kiosk m’ghadux f’idejja (fol 56).

4. Il-fond hu mahzen kummercjali biex jintuza in konnessjoni ma’ l-attivita’ ezercitata fil-kiosk u ghalhekk hu mhares mill-ligi specjali bhala ‘hanut’.

5. Il-kiosk hu proprjeta’ tal-Gvern u l-mahzen proprjeta’ tar-rikorrenti. Ma hemm ebda rabta bejn il-Gvern u r-rikorrenti. Il-kiosk jinkera bl-offerti mid-Dipartiment ta’ l-Art. Il-ftehim bejn l-avukat tar-rikorrenti hu l-intimat huwa car. L-intimat f’dan il-kaz ma dahhalx lil xi hadd bhala sieheb. Telaq in-negozzju tal-kiosk ghal kollox u ma kellu l-ebda jedd jghaddi l-mahzen lil terzi. Jirrizulta li l-intimat mhux qed juza l-fond kif ukoll li ghadda l-kirja lil haddiehor minghajr il-kunsens espress tas-sid. Jekk hu minnu li zamm cavetta u jdahhal xi kaxex u haxix ma jbiddel xejn minn dak li gara. Lanqas jitbiddlu l-fatt billi l-intimat jiddepozita l-kera taht l-awtorita’ tal-Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jergghu jiehdu f’idejhom il-fond 61, Triq il-Marina, l-Isla illum Triq Dingli Cornechio; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------